**Laqgħa Numru 13**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**26 ta' Mejju 2020**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fil-5.13 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Hubert Saliba | - Sindku |
| Paul Azzopardi | - Viċi Sindku |
| Jeanelle Attard | - Kunsilliera |
| Johnny Vella | - Kunsillier |
| Domenic Zerafa | - Kunsillier |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

## 13.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

13.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

13.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 12 li saret nhar it-Tnejn 27 t'April 2020 ġew approvati mill-Kunsill wara li l-Kunsilliera Jeanelle Attard pproponiet li ssir amenda f'paragrafu 12.4.7. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 **Il-Monti** Is-Sindku kkommunika li kienu tkellmu miegħu l-bejjiegħa tal-monti biex jibdew jarmaw il-monti mill-ġdid. Il-Kunsill iddiskutta li għandu jinżamm l-interess u anke s-saħħa tar-residenti li joqogħdu fl-inħawi u għalhekk qabel li sakemm ma jiġux rilaxxatti aktar miżuri min-naħa tas-Superintendenza tas-Saħħa, il-monti m'għandux jintrema. Il-materja kellha terġa' tiġi ddiskussa fil-laqgħa li jmiss.

13.3.2 **Cameras fil-Pjazza** Is-Sindku kkommunika li l-Inġinier Charles Borg kien qed jaħdem fuq l-istima għall-cameras tal-pjazza. Is-Sindku spjega li kien hemm bżonn ta' sitt cameras fil-pjazza. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk dawn il-*cameras* jistgħux jiġu ffinanzjati mir-Reġjun għax dan huwa l-każ f'ċertu reġjuni f'Malta. L-istess Kunsilliera staqsiet biex il-Kunsill jiċċekja jekk il-*cameras* kinux inklużu fil-proġett ta' riġinerazzjoni tal-pjazza. Is-Sindku rrisponda li hu kien iċċekja u dawn ma kinux inklużi fil-proġett tar-riġinerazzjoni tal-pazza.

13.3.3 **Kotba għal-Librerija mir-Reġjun** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm kienet issemmiet fil-laqgħa tar-Reġjun li l-Kunsilli Għawdxin kienu se jibbenefikkaw minn għajnuna fix-xiri ta' kotba, s'issa r-Reġjun kien għad ma bagħatx l-*imejl* biex il-Kunsill ikunu jista' jiddentifikka x'tip ta' kotba l-Kunsill jixtieq li jakkwista.

13.3.4 **Tabelli fil-Pjazza** Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li kienu saru t-tabelli tat-traffiku neċessarji fejn is-*central strip* biex tiġi evitata ż-żebgħa għat-*traffic management* fuq il-porfido anke fuq ix-xewqa tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskutta u qabel li hemm bżonn li jsiru *bollards* in-naħa t'isfel tal-pjazza fejn is-Salib biex b'hekk il-karozzi ma jitellgħux fuq il-bankina.

*5.44pm Il-Kunsillier Johnny Vella daħal fil-kamra.*

13.3.5 **Wirdien fil-Pjazza** Is-Sindku rreferra għall-problema kbira ta' wirdien li qed jaffeċċjaw residenti u anke l-istabbilimenti fil-pjazza wara li. Il-Kunsill kien qed jistenna stima biex ikun jista' jmexxi bl-iffumigar tal-wirdien. Is-Sindku semma' ukoll l-problema ta' drenaġġ li qed ikun hemm f'xi waqtiet u jidher li l-problema bdiet wara li nqalgħet il-pjazza.

13.3.6 **Triq Santa Eliżabetta** Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill li kien ġie iffirmat *addendum* fejn il-Ministeru t'Għawdex kien se jagħti d-differenza tal-flus bejn kemm kien intrebaħ it-tender u l-fondi li kienu mogħdija lill-Kunsill oriġinarjament biex b'hekk it-triq issa se tkun *fully-funded* mill-Ministeru t'Għawdex. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li t-triq suppost ilha ħafna li nbdiet waqt li l-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li kien hemm diversi PQs fuq din it-triq. Il-Viċi Sindku qal li mhux ġust li x-xogħol għadu ma bediex u talab li l-kuntrattur jagħti d-data ta' meta din it-triq se tkun tinbeda u tkun lesta. Il-Viċi Sindku elenka li għandhom jiġu nfurzati l-multi kif tagħti dritt il-liġi u anke jekk hemm bżonn jaqa' t-tender u jerġa' joħroġ mill-ġdid. Is-Segretarju spjegat li jekk jaqa' t-tender, dan jiġi *awarded* lil minn tefa' it-tieni l-irħas offerta sakemm tkun *complaint*. Is-Sindku għarraf li hu personalment kien qed kontinwament iċempel lill-Kuntrattur u elenka ukoll li kien hemm il-bdil fix-xogħlijiet tal-ilma li kompla tefa' lura li jibda x-xogħol . Is-Sindku ċempel lill-kuntrattur waqt il-laqgħa stess fejn talab li jingħata data meta se jibda x-xogħol. Dan kellhu jikkonfermalu meta kien se jibda mill-aktar fiss possibli. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li l-istess kuntrattur kien mexa bl-istess mod meta saret Triq Il-Knisja fejn il-kuntrattur kien dam xhur ma beda.

13.3.7 **Triq Il-Knisja** Is-Sindku ppreżenta l-kont ta' Triq Il-Knisja ċċertifikat mill-Perit responsabli. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li dan għandu jitħallas.

13.3.8 **Triq Il-Kbira** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-tender ta' Triq Il-Kbira kien ħareġ u kien se jagħlaq fl-1 ta' Ġunju 2020.

13.3.9 **Belvedere tal-Barmil** Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien mexa biex żewġ ibdiewa ċedew raba' li kienu jaħdmu. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li kien għaddej bid-diskussjonijiet mal-Ministru t'Għawdex fuq il-possibilita' li ningħataw għajnuna min-naħa tal-Ministeru għal dan il-proġett.

13.3.10 **Skemi ta' Panelli** Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien iċċekja mal-Inġinier Charles Camilleri fejn kien spjegalu li bħalissa m'hemmx skemi applikabli għall-Kunsill bħalissa għax l-iskemi eżistenti kienu miftuħa għall- *households.*

13.3.11 **Eco-Park tal-Barmil** Is-Sindku kkomunika mal-membri tal-Kunsill li kellhu laqgħa mal-Inġiniera u anke l-Perti inkarigati fuq dan il-proġett li qed jaħdmu fuq il-pjanti fejn anke marru fuq il-post. Is-Sindku għarraf li għandha ssir laqgħa fuq il-posta mal-laborista biex ikun jista' jagħti gwida fuq is-siġar li hemm fil-playingfield. Is-Sindku kkonferma li s'issa l-pjanti għadhom mhumiex f'idu.

13.3.12 **Ġnien Blankas** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellhu laqgħa mas-Sur George Azzopardi iċ-Ċitadella fejn ġie diskuss il-*heritage trail* u l-estensjoni tal-*Interpretation Centre* biex jinġabru l-ħamsa u sittin biċċa fdalijiet hemmhekk. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li xtaqet li tkun preżenti f'laqgħat simili biex b'hekk kulħadd ikun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu. Is-Sindku kkomunika li għandha ssir laqgħa bejn il-Kunsill, is-Sur George Azzopardi u anke s-Sur Yosef Magro mill-GAGF. Is-Sindku semma' li fuq suġġeriment tas-Sur Azzopardi stess kellhom jinstabu għaqdiet volontarji mir-raħal stess biex il-"proġett" ikun totalment tax-Xewkija. Is-Segretarju talbet li jekk il-Kunsill kien se japplikka taħt il-Miżuri li ħarġu l-GAGF, il-Kunsill kellhu jieħu deċiżjoni minnufih hekk kif l-applikazzjonijiet kienu jagħlqu daqt. Il-Kunsill iddiskutta

li kellhu jara dawk l-għaqdiet li kienu nteressati qabel ma jintagħżlu l-operaturi privati biex jidħlu bħala *partners* u jiġu żvillupat il-proġett.

13.3.13 **Il-Kunsill Il-Qadim** Is-Sindku spjega li għandu jitqabbad *designer* biex ikun jista' jittranġa l-Kunsill biex isir *Learning Hub*. Il-Kunsill qabel ma' dan u kellhu jitqabbad *designer* mir-raħal. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li s-sular ta' fuq seta' jservi biex jekk ikun hawn xi mistieden mis-safar ikun jista' jorqod hemm. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew il-possibilta'li jsir *lift* u li jinfetaħ il-ħajt tal-kuritur biex b'hekk il-kmamar li jistgħu jservu ta' klassijiet jkunu aktar spażjużi.

13.3.14 **Ftuħ is-Sibtijiet** Is-Sindku spjega li fiċ-ċirkostanzi li ninsabu fihom tal-Covid-19 l-Kunsill seta' jagħżel jekk jiftaħx is-Sibtijiet waqt dawn iċ-ċirkostanzi. Il-Kunsill iddiskutta u qabel li issa li l-affarijiet kienu sejrin lura għan-normal, il-Kunsill kellhu jibqa' jiftaħ is-Sibtijiet.

13.3.15 **Playingfield ta' Ġokk** Is-Sindku spjega li l-Perit Cordin kien qed fil-preżent jaħdem fuq id-disinn tal-*EcoPark* tal-Barmil u malli jeħles kellhu minnufih jibda fuq il-pjanta tal-*Playingfiled* ta' Ġokk. Is-Sindku spjega li r-restawr fuq il-monument ta' Castelvenere ma setax isir għalissa la l-*Playingfield* kien ser jinqala'. Is-Sindku rreferra li xtaq li jdaħħal *equipment* li jkunu jiġġennerra ħsejjes mużikali.

13.3.16 **Ġbir ta' terrapien mill-Wasteserv** Is-Sindku rreferra għall-problema li l-Kunsill iffaċċja hekk kif terrapien mit-tindif tat-toroq ma kienx qed jiġi aċċettat mill- Wasteserv u l-Kunsill ġie mitlub li jmur jarmi f'barriera. Is-Sindku spjega li din il-problema kienet ġiet solvuta wara insistenza min-naħa tal-Kunsill.

13.3.17 **Karozzi mitluqa fl-inħawi tal-Ħorob u Triq Madonna tal-Ħniena** Is-Sindku spjega li l-persuna li kienet qed titfa' l-karozzi kienet irċiviet ittra min-naħa tal-Planning Authority biex dawn jinġabru minnufih hekk kif kien se jibda jiġi mmultat. Is-Sindku stqarr li għalkemm kien ġabar xi ftit mill-karozzi mitluqa dan kien qed jeħodhom f'inħawi oħra fir-raħal u jħammeġ band'oħra.

13.3.18 **Triq tal-Lewż** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Triq tal-Lewż kellha ssir min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex u x-xogħol kien imminenti li jibda.

## 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

13.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qajmet il-punt li l-minuti flimkien mal-iskedi ta' pagamenti mhumiex qed jiġu mtellgħin online fuq il-*website* tal-Kunsill. Is-segretarju spjegat li hi tieħu ħsieb li ttella' l-minuti fil-*website* tal-*MyLocality* wara kull laqgħa u li kienet hi stess bagħtet imejl lis-Sur Grima biex jieħu ħsieb li jinkludi fil-website tal-Kunsill dawn il-minuti li diġa' huma aċċessibli għall-pubbliku inġenerali. Is-Segretarju spjegat li kieku dawn id-dokumenti mhux qed jittelgħu *online* ikun id-dipartiment stess li jiġbed l-attenzjoni. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li fuq il-*Facebook* jitla' post fejn jinforma lir-residenti bir-responsabiltajiet ta' kull membri tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskutta li idealment dan il-post jitla' fl-1 ta' Lulju, 2020 f'għeluq is-sena minn dan il-Kunsill.

13.4.2 Il-Kunsillier Domenic Zerafa rreferra għall-problema ta' trabijiet li hemm fi Triq Gorġun b'detriment għal saħħet ir-residenti. Hu ssuġġerriexxa li din tingħata liga asfalt biex jinqata' t-trab.

13.4.3 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni li hemm ġebel tas-sejjieħ f'tal-Barmil li jista' jintuża.

13.4.4 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab li jinqata' l-ħaxix fi Triq tal-Gruwa. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

13.4.5 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li ma kinitx konxja li reġa' beda jingħata s-servizz tal-*Bulky Refuse* mill-ġdid. Il-Kunsillera Jeanelle Attard talbet li materji bħal dawn jiġu diskussi waqt laqgħa. Għaldaqstant is-Segretarju ħadet nota biex għal darb'oħra il-membri tal-Kunsill ikunu nfurmati minnufih b'kull tibdil.

13.4.6 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet lis-Segretarju jekk kellhiex xi informazzjoni fuq l-*Inclusivity Batch* li kienet staqsiet fuqha fl-aħħar laqgħa. Is-Segretarju nfurmat li kienet fittxet fuqha imma ma kienet sabet xejn fuqha.

13.4.7 Il-Kunsillier Johnny Vella stqarr li kellhu talba biex jinbidel il-bank fi Triq Il-Ħamrija faċċatta tas-*supermakets*. Is-Sindku spjega li l-istess talba kienet daħlet il-Kunsill u talba għall-bank ikbar kienet tfisser li kien se jingħalaq l-aċċess għall-garaxx u għall-veranda tal-istess residenza.

13.4.8 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rrefferriet għall-ktieb li kellhu joħroġ mill-Kunsill fejn issuġġerriet li dan m'għandux jinkludi ritratti biss. Il-Kunsill iddiskutta li dan il-ktieb għandu joħroġ edizzjoni kull sena li jaqbad suġġett partikolari bħal per eżempju snajja' sinonomi mar-raħal jew in-niċeċ qabel ma jintilfu. Is-Sindku spjega li xtaq li dan il-ktieb ikun ktieb ta' valur li l-Kunsill ikun jista' jagħtih rigal. Il-Kunsill qabel li nitkellmu mas-Sur Mario Xerri biex naraw jekk hux interessat jgħinna fil-publikazzjoni ta' dan il-ktieb.

13.4.9 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward il-ktieb tal-pitturi li kien ġie diskuss fil-laqgħa li għaddiet biex nokkupa lit-tfal. Is-Sindku spjega li ma xtaqx li din tieħu l-forma ta' kompetizzjoni bejn it-tfal. Waqt li ġie diskuss il-possibilita' li dawn jittelgħu *Facebook* u jiġi pprintjati mit-tfal, il-membri ddiskuttew li dawk interessati kellhom jiġbru kopja tal-ktieb tat-tpinġija mill-Kunsill peress li l-ktieb kien fih valur fih innifsu. Il-Kunsillera Jeanelle Attard issuġġerriet li min-naħa tal-Kunsill kellna niktbu fuq *Facebook* liema paġna kellhom ipinġu kull ġimgħa.

13.4.10 Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-latrini kinux qed jinfetħu. Is-Sindku spjega li l-latrina tal-pjazza kienet miftuħa waqt li ta' Masġar ta' Blankas u anke tal-*Playingfield* tal-Ħamrija kienu ngħalqu minħabba l-Covid-19 wara direzzjoni biex jingħalqu l-ġonna pubbliċi.

13.4.11 Il-Viċi Sindku staqsa jekk it-tabelli biex ma jgħaddux vetturi kbar minn Triq San Bert u anke Triq L-Indipendenza għadhomx imwaħħlin peress li dawn it-toroq qed ikunu frekwentati minn dawn it-tip ta' vetturi. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li ma joħorġux ħafna tabelli għax hi kienet tal-opinjoni li waqt li dawn ittellgħu għal spiża eċċessiva ftit li xejn qed ikunu effettivi. Il-Viċi Sindku talab li meta ssir talba għal tabella kellha tiġi diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill biex jiġi diskuss jekk hemmx verament bżonn ta' tabella jew le.

## 13.5 Rapporti Finanzjarji: Approvazzjoni tal- *Audited Financial Statements;*

**Rapport Amministrattiv;**

13.5.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill ġew ippreżentati l-Audited Financial Statements għas-sena 2019. Dawn ġew approvati unanimament mill-membri tal-Kunsill u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

13.5.2 Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport amminsitrattiv għas-sena 2019 imħejji min-naħa tagħha. Is-Sindku għadda r-rapport tiegħu lis-Segreatraju waqt li s-Segretarju elenkat li r-rapport għal kull dekasteru mitlub mid-Dipartimentt al- Gvern Lokali sal-aħħar ta' Diċembru 2019 kellhu jintbagħat lis-Segretarju minnufih biex ikun jista' jitla' o*nline.*

## 13.6 Rapport tal-Evalwazzjoni: Offerti għall-Equipment tal-Bandli tal-Ħamrija

13.6.1 Is-Sindku ppreżenta r-Rapport tal-Evalwazzjoni fuq l-Offerta tal-*Equipment* tal-Bandli tal-Ħamrija. Is-Segretarju spjegat li l-irħas offerta kienet *complaint* u għaldaqstant l-Kunsill seta' jmexxi fuq din l-irħas offerta dik ta' Urban Play Solutions kif tixhed it-tabella hawn taħt.

| Operatur | Offerta Mitfugħa |
|---|---|
| JGC Ltd | €80,879 |
| SeD Construction Ltd | €74,268.60 |
| Urban Play Solutions | €56,927.61 |
| Projekte Global Limited | €67,820 |

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet kif dan l-equipment ma kienux reġgħu rawh għall-approvazzjoni il-Kunsill. Is-Segretarju spjegat li t-tender kellhu joħroġ fuq dak li kien iddiskutta lura għall-aħħar tas-sena 2019. Il-Kunsill aċċerta li t-tender kien jinkludi dak kollhu li kien diskuss mill-Kunsill fil-preżenza tal-Perit. Is-Segretarju rrefferriet għall-ispeċifikazzjonijiet u anke għad-*drawings* t-tender fejn qrat mit-tender li hemm sitt *items* ta' *playing equipment* kif kien ġie diskuss fil-laqgħa meta kien attenda l-Perit.

13.6.2 Il-Kunsill approva r-rapport tal-evalwazzjoni. Is-Segretarju spjegat li dawn it-tip ta' proġetti taħt id-DPF jieħdu fit-tul wara li kienet tkellmet mal-Perit Rita Vella inkarigata fuq DPF fi ħdan l-PA

## 13.7 Korrispondenza u Ilmenti

13.7.1 28/04/2020 Cir AKL 2020/043 dwar Covid 19 iffinanzjati mill-fondi tal-LESA.

13.7.2 28/04/2020 Cir AKL 2020/042 dwar Covid 19 Campaigne –Commision for Gender Based Violence and Domestic Violence.

13.7.3 29/04/2020 Korrispondenza lis-Sur Joellson Bezzina tal-Ke minghand is-Segretarja Ezekuttiva dwar Re-Kerbside Truck.

13.7.4 29/04/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva lill-Avukat Mampalao fuq l-imbarazz biex jitnehha mit-triq tal-Horob.

13.7.5 29/04/2020 Korrispondenza minghand us-Segretarja Ezekuttiva lill-Avukat Mampalao biex tara x'gara fuq it-Triq tal-Horob.

13.7.6 29/04/2020 Korrispondenza minghand Dr. Kevin Mampalao lis-Segretarja Ezekuttiva biex jghidilha x'sar fuq l-imbarazz ta' Triq tal-Horob.

13.7.7 04/05/2020 Cirk AKL 2020/045 Covid 19 – Rilaxx ta' Mizuri mill-President tal-Assoccjazzjoni Kunsilli Lokali.

13.7.8 05/05/2020 Korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali fuq Guidelines for disposable Masks lil Kunsill.

13.7.9 06/05/2020 Cirk AKL 2020/046 Webiner Adapting to climate change/ 12th May 2020 mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali.

13.7.10 06/05/2020 Korrispondenza mill-Awtorita tal-Ippjanar fuq Avviz tal-Infurzar ghas-Sit Madonna tal-Hniena.

13.7.11 06/05/2020 Korrispondenza mill-Awtorita tal-Ippjanar fuq Avviz tal-Infurzar ghas-Sit ta' Triq tal-Horoq u Bir tal-Francizi.

13.7.12 06/05/2020 Korrispondenza minghand Noel Zarb tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn talab update tad-Dekasteri tas-Sindku u l-Kunsilliera kif ukoll dettalji tal-Impjegati tal-membri tal-Kunsill u Staff tal-Kunsill.

13.7.13 06/05/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva li baghatet update lil Noel Zarb tal-Membri u staff tal- Kunsilli Lokali tax-Xewkija.

13.7.14 12/05/2020 Cirk AKl 2020/049 Kilometri ta' spazji pubblici b'rotot ghall-mixi, ciklizmu u spazji miftuha ghar-residenti zghar u kbar fil-Lokalitajiet taghna minghand l-Assocjazzjoni Ku/05/nsilli Lokali.

13.7.15 13/05/2020 Cirk AKL 2020/050 Important notice regarding submission of Health Claims minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali.

13.7.16 15/05/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva lis-Supretendent Maurice Curmi biex jitnehhew Magni tal-Karozza minn Triq Vjal il-Labour.

13.7.17 15/05/2020 Cirk AKL 2020/051 Save the date for EUSEW2020 ! – EU Sustainable Energy Week.

13.7.18 15/06/2020 Estensjoni ta' Ftehim Cirk Numru SP101/2019 – Skema Finanzjarja zvilupp ta' Libreriji Lokali/Regjonali f'Centru tal-Komunita.

13.7.19 18/02/2020 Cirk 5 2020 CoronoVirus –Mizuri Prekawzjoni V4 mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali.

13.7.20 18/02/2020 Cir AKL 2020/052 Minuti Laqghal tal-Ezekuttiv 31(emendati) laqgha tal-Ezekuttiv 32 minghand President tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali.

13.7.21 18/02/2020 Cirk AKL 2020/053 Please keep social Distance biex jinxtaw vinyl stickers kif indikat fil-file anness.

13.7.22 18/02/2020 Cir AKL 2020/054 – Free Online course for Alda's members –Register now mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali.

13.7.23 18/05/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva lil Assistant Principal dwar il-kariga ta' Deputat Segretarju.

13.7.24 18/05/2020 Korrispondenza minghand l-Assistant Principal lis-Segretarja Ezekuttiva ta' Accettazzjoni.

13.7.25 20/05/2020 Agenda Nru 13 it-Tlieta 26 ta' Mejju, 2020 inbaghtet lis-Sindku u Kunsilliera minghand is-Segretarja Ezekuttiva.

13.7.26 22/05/2020 Korrispondenza lis-Sindku u Kunsilliera Agenda u Minuti Nru 12 minghand is-Segretarja Ezekuttiva.

13.7.27 22/05/2020 Korrispondenza minghand il-President tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali dwar EUCF, Webinar Agenda.

13.7.28 Talba għal żewġ sleeping police minn dawk li jmorru jimxu fi Triq Lorenzo Zammit Haber. Il-Kunsill iddiskutta li jekk isiru se jkun hemm erba' sleeping police. Il-Kunsill innota li qed isir sewqan eċċessiv u għaldaqstant ġie deċiż li din it-talba tgħaddi għall-evalwazzjoni ta' Transport Malta u imbagħad naraw minn hemm.

**13.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

13.8.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**13.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

13.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.15pm. Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju fil-5.00pm.

Konfermati, illum **30 ta' Ġunju 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |